# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a),**
**267, 269(g) u 270 tal-Kapitolu 9;**
**Artikolu 11 tal-Kapitolu 446**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru: 228/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**EMAN EBEJER**
**(ID: 439685M)**

**Illum, 13 ta' April 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **EMAN EBEJER** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 439685(M), tressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Bejn it-30 ta' Marzu 2018 u l-31 ta' Marzu 2018, minn gewwa sit tal-kostruzzjoni bl-isem ta' Noblat, Triq Nerik Xerri, Hal Kirkop, ikkommetta serq ta' ghodda liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Daniel Bonnici u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar bejn it-22 ta' Marzu 2018 u l-23 ta' Marzu 2018, minn gewwa sit tal-kostruzzjoni li tinsab fi Triq San Benedittu, Kirkop, ikkommetta serq ta' ghodda liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Joseph Cassar u/jew persuna/i ohra.

3. U aktar bejn it-20 ta' Marzu 2018 u l-22 ta' Marzu 2018, minn gewwa residenza vakanti li tinsab fi triq Triq San Benedittu, Kirkop, ikkommetta serq ta' ghodda liema serq huwa aggravat bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Carmel Cassar u/jew persuna/i ohra.

4. U aktar li fil-21 ta' Marzu 2018 ghal habta ta' 19:45hrs, minn gewwa residenza vakanti bin-numru 76, Triq San Leonardu, Kirkop, ikkommetta serq ta' ghodda liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, dan ghad-detriment ta' Leonard Grech u/jew persuna/i ohra.

5. U aktar fit-3 t' April 2018 ghal habta ta' 16:45hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe'serqa minn gewwa residenza 7, Triq San Leonardu, Kirkop wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad-dannu ta' Carmel Farrugia u/jew persuna/i ohra.

6. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

7. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ikkomettejt reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operativ ta' conditional discharge moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati( Malta) mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fis-7 t' April 2016.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Eman Ebejer, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali, hames okkorrenzi, dikjarazzjoni tar-rifjut, CD bl-interogazzjoni tal-imputat u sitt ritratti.

Semghet lill-imputat jiddikjara li hu indigenti u l-Qorti nnominat lil Dr Ishmel Psaila bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha waqt is-seduta tat-13 ta' April 2018 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk riedu, seta' jerga' lura

minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha gew registrati fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta 13 ta' April 2018.

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu u ghalhekk ghen sabiex ma jinhelix hin u spejjez pubblici ghal xejn.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa ghandu problema ta' abbuz ta' droga u li effettivament illum m'ghandux relazzjoni ma' hutu.

Rat ukoll illi l-imputat ikkoopera bi shih mal-Prosekuzzjoni f'din l-investigazzjoni tant li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tirrintracca xi res furtiva pero' minn naha l-ohra rat ukoll illi l-imputat diga' kiser dufrejh mal-ligi f'erba' okkazjonijiet fuq akkuzi simili ta' serq aggravat u meta inghata zewg probations ma tghallimx juzufruixxi ruhu minnhom tant li sahansitra fil-fedina penali tieghu jirrizulta illi huwa diga' gie kkundannat prigunerija effettiva b'zewg sentenzi tal-Qorti moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis li l-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 269(g) u 270 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat EMAN EBEJER hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghoxrin xahar prigunerija effettivi.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lill-imputat jindirizza l-problema tieghu ta' droga b'dan illi jigi nvistat sabiex jibda programm ta' rijabilitazzjoni.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gew nominati l-ebda esperti f'din il-kawza.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**